# <u>TRIBUNAL INDUSTRIJALI</u>

## <u>DECIZJONI NRU. 2656</u>

**Kaz Nru. 3172** **Fit-Tilwima tax-Xoghol**

**bejn**

**Malta Union of Bank Employees (MUBE)**

**u**

**Bank of Valletta plc.**

***Dwar: ir-rikonoxximent tal-istess MUBE bhala l-Union rikonoxxuta ghall finijiet tal-ligijiet inudustrijali u senjatament bid-dritt li tirrapprezenta lill-haddiema tal-BOV fil-grad Manigerjali u dawk fil-grad Klerikali.***

**Chairperson :Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD(UK)**

**Membri :Is-Sur Chris Attard u s-Sur Lawrence Mizzi**

**Din it-Tilwima tax-xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali permezz ta' ittra datata 25 ta' Ottubru, 2013 mibghuta mill-Onor. Dr. Helena Dalli, Ministru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili.**

F'din it-Tilwima tax-Xoghol ghal-Bank of Valletta dehru Anthony Scicluna, Raymond Debattista u Odilon Scerri li kienu assistiti mill-Avv. Ian Spiteri Bailey, fil-waqt ghal-Malta Union of Bank Employees (MUBE) kienu raprezzentati minn William Portelli u Felix Galea li kienu assistiti mill-Avukat Andrew Borg Cardona.

Il-Malta Union of Bank Employees (MUBE) fl-Istqarrija tal-Kaz qalet, li kienet ilha diversi snin rikonoxxuta bhala l-Union li ghanda dritt li tirrapprezenta lill-haddiema tal-BOV fil-gradi Manigerjali u Klerikali, u l-Ftehim Kollettiv vigenti kien iffirmat mill-MUBE f'isem dawn il-gradi.

Fl'istqarrija taghha l-Union tkompli tghid li fil-31 Lulju, 2013 il-Bank of Valletta nforma l-Union li kellu talba mill-General Workers Union biex il-Bank jirrikonoxxi lilha flok l-MUBE. Il-Union tghid ukoll, li l-Bank infurmaha li kellu l-hsieb li jaghti rikonoxximent wahdieni lill-Union li skond hu jkollha maggoranza relattiva.

Il-Union tghid ukoll li l-Bank qabel ma ghamel il-verifika mehtiega, formalment pogga lill-MUBE u lit-Taqsima Professionals, Fiinance & Services Section tal-General Workers Union fuq l-istess livell. Il-Union tghid ukoll, li hija ntebhet li nformazzjoni sensittiva dwar il-membri

**taghha kienet waslet ghand il-General Workers Union u dawn kienu qed javvicinaw lill-membri tal-MUBE biex igeluhom jitilqu mill-MUBE.**

**Il-Union tkompli tghid fl-istqarrija tal-kaz taghha li fit-28 ta' Awissu, 2013 il-BOV unilateralment u b'modd arbitrarju, iddecieda li jissospendi d-diskussjonijiet fuq il-Ftehim Kollettiv gdid. Il-Union tkompli tghid, li ma qablitx mal-modd kif il-Bank kien qed jippretendi li jaghmel il-verifika tal-membri u saru laqghat ta' konciljazzjoni li kienu msejha minn Dr Noel Vella, li jokkupa l-kariga ta' Direttur tad-Dipartiment tax-Xoghol u Relazzjonijiet Industrijali bl'ghan, li jinstab metodu accettabbli kif issir il-verifika. Il-Union tkompli tghid li fis-17 ta' Settembru, 2013 il- Bank of Valletta irtira l-Gharfien tal-MUBE bhala l-Union li tirraprezenta l-kategorija Klerikali u Manigerjali tal-Bank u b'rizultat ta' dan tort tal-BOV fallew il-laqghat ta' konciljazzjoni.**

**Il-Malta Union of Bank Employees (MUBE) tghalaq l-istqarrija tal-Kaz taghha fejn tghid, li kien ghalhekk il-Union talbet sabiex il-kwistjoni titressaq quddiem dan it-Tribunal Industrijali sabiex jiddeciedi "Il-BOV ma kellu ebda jedd jibdel status quo u jirtira minghajr verifika, l-gharfien tal-MUBE bhala Union rikonoxxuta ghall-finijiet tal-ligijiet Industrijali bid-dritt li tirrapprezenta lill-haddiema tal-BOV fil-gradi Manigerjali u dawk fil-grad Klerikali u sabiex dan it-Tribunal Industrijali jiddikjara li l-MUBE ghadha l-Union rikonoxxuta fil-kategoriji msemmija".**

**Il-Bank of Valletta fid-dikjarazzjoni tal-Kaz jghid, li t-terms of remit li ghandu dan it-Tribunal jinsabu mnizzla u dikjarati fl-ittra tal-MUBE li ntbghatet lill-Ministru koncernat skond l-ittra datata 17 ta' Ottubru, 2013 fejn tghid "Li l-BOV ma kellu ebda jedd jibdel l-istatus quo u jirtira minghajr verifika, l-gharfien tal-MUBE bhala Union rikonoxxuta ghall-finijiet tal-Ligijiet Industrijali bid-dritt li tirrapprezenta lill-haddiema tal-BOV fil-grad Manigerjali u dawk fil-grad Klerikali, tiddikjara li l-MUBE ghadha l-Union rikonoxxuta fil-kategoriji msemmija".**

**Il-Bank of Valletta jkompli jghid fl'istqarrija tal-Kaz tieghu, li ghalhekk huma tnejn id-dikjarazzjonijiet li dan it-Tribunal Industrijali qed jintalab li jghamel li; fl-ewwel lok li l-Bank mitten ma kellux dritt jirtira r-rikonoxximent minghajr verifika u fit-tieni lok illi l-MUBE ghadha l-Union rikonoxxuta fil-kategoriji msemmija.**

**Fl'Istqarrija tal-Kaz tieghu il-Bank of Valletta jkompli jghid, li pertinent ghal din il-vertenza izda illi l-MUBE tonqos milli ssemmi, huwa l-artiklu 3 (Recognition & Scope) tal-Ftehim Kollettiv vigenti li jghid " The Bank shall reserve the right to withdraw recognition of these categories of employees if the fully paid membership of the Union should fall below 50% plus one of the number of employees in the above referred to categories registered in the books of the bank".**

**Il-Bank of Valletta fl'Istqarrija tieghu jkompli jghid, li kif ser jirrizulta fil-kors tal-provi ta' dawn il-proceduri, li l-MUBE ntalbet diversi drabi sabiex tissostanzja u tressaq evidenza, illi ghandha jew kienet tgawdi membership ta' 50%+1 ta' l-impjegati de quo, haga illi l-MUBE naqset milli taghmel anke jekk kienet konxja tal-fatt illi mill-kotba tal-Bank kien jirrizulta illi hija ma kelliex 50%+1 u konsegwentement l-Bank setgha jiskatta l-applikabilita' tal-klawsola 3 hawn fuq imsemmija.**

**Il-Bank of Valletta jkompli jghid, li l-qari ta' Klawsola 3 citata hawn fuq iwassal bilfors lit-Tribunal Industrijali jikkonkludi s-segwenti;**

**a) d-dritt li jirtira rikonoxximent huwa biss tal-Bank u jista jigi ezercitat unilateralment,**

**b) Illi dan id-dritt jista jigi ezercitat una volta jirrizulta lill-Bank illi l-Union ma baqghetx tgawdi l-maggoranza assoluta skond il-fully paid up members,**

**c) Gia la darba dan kien hekk jirrizulta lill-Bank intimat u minkejja talbiet u opportunitajiet lill-Union rikorrenti sabiex tipprova mod iehor, dan ma ghamlitux, allura kien legittimu l-Bank intimat li jezercita d-dritt lilu moghti bil-Ftehim Kollettiv, konsegwentament bil-kunsens ta' l-istess Union rikorrenti,**

**d) Illi talbet lill-MUBE sabiex tipprova mod iehor, u anke allura l-verifika in effetti saru ex-gratia peress illi mhux rekwizit bl'Artiklu 3 fuq citat, u ghalhekk illi l-ewwel talba kif postulata wkoll mhux in linea mal-Ftehim Kollettiv.**

**Il-Bank of Valletta jghalaq l-Istqarrija tal-Kaz tieghu fejn jghid, illi talba tal-Bank rikorrenti hija in effetti konsegwenzjali ghall-ewwel talba u ghalhekk jekk, kif ghandu jkun, tigi michuda l-ewwel talba, dan it-Tribunal Industrijali ghandu jghaddi sabiex jichad ukoll it-tieni talba.**

**Mill-provi jirrizulta, li kien hemm Ftehim Kollettiv fis-sehh bejn il-Bank of Valletta plc u l-Malta Union of Bank Employees li kien ikopri l-perjodu ta' bejn 2011 u 2013.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li klawsola 3 tal-Ftehim Kollettiv "Recognition and Scope" kienet tghid " The Bank recognizes the Union as the sole and exclusive bargaining agency for the executive, managerial and clerical categories of employees for the purpose of this Collective Agreement and collective bargaining on all matters covered in this Agreement, with the exception of the remuneration of the Executive Grades.**

**The Bank shall reserve the right to withdraw recognition of these categories of employees if the fully paid membership of the Union should fall below 50% plus one of the number of employees in the above referred to categories registered in the books of the Bank.**

**Its is agreed and understood between the parties that this Agreement is limited to and embraces only such matters as are specifically set forth in it".**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li fil-31 ta' Lulju, 2013 il-Bank of Valletta kiteb lill MUBE fejn infurmaha li kellu talba minghand il-General Workers Union ghal sole recognition ghal non-clerical, clerical u management grades. Il-Bank jghid ukoll lill Union, li peress li jistgha jkun hemm membri tal-Union li jhallsu l-mizata tal-Union b'metodi differenti minn dik tac-check–off system, il-Bank kien se jappunta persuna ndipendenti biex tivverifika r-records taz-zewg Unions biex jigi determinat liema Union ghanda l-maggoranza relattiva tal-membri.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll li fl'ittra tieghu l-Bank jissuggerixxi, li jigu nominati persuni li jkunu accettabbli ghaz-zewg Unions biex isir dan l-ezercizzju u jekk il-Unions ma jaqblux fuq persuna sad-data tas-16 ta' Awissu, 2013 kien se jkun il-Bank li jinnomina persuna.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll li fid-19 ta' Awissu, 2013 il-Bank of Valletta kiteb liz-zewg Unions fejn infurmahhom li kif diga kienu gew notifikati, li jekk ma jaqblux fuq persuna biex tivverifika ir-records kemm tal-GWU kif ukoll tal-MUBE, huwa kien se jinnomina persuna hu biex tghamel dan l-ezercizzju u nfurmahhom li kien appunta lill Ms Antoinette Caruana biex tghamel dan l-ezercizzju sat-30 ta' Settembru, 2013.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll li fit-22 ta' Awissu, 2013 il-MUBE kitbet lill Bank of Valletta fejn irreferitu ghall-ittra tieghu tas-19 ta' Awissu, 2013 u qaltlu li kienet ghadha qed tiddiskuti internament u mal-membri taghha.**

**Fl'ittra taghha l-Union qalet ukoll lil-Bank, li kellha diversi rapporti ta' poaching u fl'ittra qaltlu wkoll " L-MUBE tinsab ukoll nkwetata b'dak li ktibt int u l-mod kif ipproponejt li tipprocedi dwar ir-rikonoxximent. Infakkrek li sal-lum ghadek marbut bil-Ftehim Kollettiv vigenti; Apparti dan inti taf li l-prattika ta' Tribunal Industrijali hija li tista' tinghata sole recognition biss lill-Union li tgawdi bhala membri taghha 50%+1 tal-impjegati f'kategorija partikolari. Jekk ebda Union ma jkollha 50%+1 tal-impjegati registrati fuq il-kotba taghha, il-Bank m'ghandux jedd jaghzel wahda fuq ohra u l-MUBE f'kaz bhal dan ser tinsisti li tibqa rikonoxxuta ghall-finijiet ta' Collective bargaining skond il-ligi".**

**Mill-provi jirrizulta wkoll li fit-23 ta' Awissu, 2013 il-Bank kiteb lill MUBE fejn fil-waqt li cahad l-allegazzjonijiet li qiesu ghamlet rigward poaching, qal ukoll "Fid-dawl ta' dan ghalhekk, kun mgharraf illi l-Bank jibqa jistenna twegiba cara u inekwivoka minn ghandek ghat-talba li saritlek mill-Bank fir-rigward tal-propost verifier indipendenti".**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li wara saru laqghat ta' konciljazzjoni mad-Direttur tax-xoghol u Relazzjonijiet Industrijali Dr Noel Vella, fejn ma ntlahaqx qbil dwar kif kellha ssir il-verifikazzjoni u fit-13 ta' Settembru, 2013 il-BOV kiteb lill MUBE fejn infurmahha li ghandu ragunijiet li jemmen li l-MUBE m'ghandix maggoranza assoulta tal-haddiema membri fil-Union koperti bil-Ftehim Kollettiv u ghaldaqstant stiednu biex sat-Tnejn 16 ta' Settembru, 2013 sa l-4.00 ta' wara nofs inhar jipprova modd iehor u fin-nuqqas ta' dan l-Bank kien se jinvoka klawsola 3 ta' Ftehim Kollettiv li jirtira ir-recognition tal-Union fil-kategorija msemmija.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li minn naha tal-MUBE wiegbet lill-BOV permezz ta' ittra datata 16 ta' Settembru, 2013 fejn bazikament akkuzat lill Bank li kien qed imur kontra diskussjonijiet li kien hemm mad-Direttur tax-Xoghol u Relazzjonijiet Industrijali u tghid ukoll, li l-Bank kien qed jagixxi b'tali modd biex jivvantaggja lill haddiehor. Fil-**

waqt li l-Union issostni li kien ghad kellha l-maggoranza tal-haddiema qalet ukoll, li kienet disponibbli li tkompli tiddiskuti ghal soluzzjoni.

Mill-provi jirrizulta, li bi twegiba l-BOV irrisponda b'ittra tas-17 ta' Settembru, 2013 fejn cahad l-allegazzjonijiet tal-Union, fejn qal "Ninnota ukoll li ghal darba ohra nqast li tipprovdi evidenza li l-Union tieghek ghandha membership ta' mill-inqas 50%+1 tal-impjegati kollha fil-kategorija klerikali u manigerjali".

Il-BOV ikompli jghid "li skond l-Artiklu 3 tal-Ftehim Kollettiv vigenti qed nirtira b'effett immedjat l-gharfien tal-MUBE bhala l-Union li tirraprezenta il-kategorija klerikali u manigerjali tal-Bank".

It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-Kaz inkwestjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa, li dan il-kaz kien sehh fi zmien meta l-Att ta' 2002 Dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali ma kellu l-ebda provvedimenti ta' kif kellha tinghata jew tigi rivokata r-rikonoxximent "recognition".

It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li qabel ma giet emendata l-ligi, li permezz ta' din l-emenda ghal ewwel darba gie ntrodott artiklu dwar ir-recognition, kuntrarju ghal dak li saret riferenza ghaliha fit-terms of

**remit tal-kaz " il-Union rikonoxxuta ghal finijiet tal-ligijiet industrijali" ma kienx hemm mekkanizmu fil-ligi.**

**It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li hafna drabi meta jinqala l-kaz tar-recognition dan kien jigi riferut lid-Direttur tax-Xoghol u Relazzjonijiet Industrijali u ghalkemm minn naha tad-Direttur tax-xoghol u Relazzjonijiet Industrijali kien jipprova jsib soluzzjoni, generalment kien jissuggerixxi li jew jghamel count fuq il-membership jew issir votazzjoni sigrieta. Pero, peress li l-funzjoni tad-Direttur tax-Xoghol u Relazzjonjiet Industrijali hija funzjoni konciljatorja, huwa ma setghax jimponi x'jsir, setgha biss jissuggerixxi u is-suggerimenti tieghu setghu jsiru biss jekk jaqblu l-partijiet.**

**It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll li fil-kaz inkwestjoni jidher, li anke meta l-partijiet iltaqghu quddiem id-Direttur tax-Xoghol u Relazzjonijiet Industrijali ma ntlahaqx ftehim. Kif jidher mill-provi, l-Bank baqa jinsisti li l-MUBE kellha tipprova bil-metodi li ried il-Bank jigifieri; li MUBE kellha tipprova li kienet ghadha qed tgawdi l-maggoranza tal-haddiema koperti bil-Ftehim Kollettiv u fl'assenza ta' dan, il-Bank insista li kien se jimplimenta Klawsola 3 tal-Ftehim Kollettiv jigifieri li fin-nuqqas li l-MUBE ma tippruvax li kienet ghadha qed tgawdi l-maggoranza tal-haddiema, il-Bank kien se jirtira r-recognition.**

**Invista ta' dawn ic-cirkostanzi kollha msemmija hawn fuq, meta dan it-Tribunal Industrijali jezamina dawn l-aspetti kollha tal-kaz, jigifieri li l-ligi ma kellix mekkanizmu tar-recognition, l-aspett tad-Direttur tax-Xoghol u Relazzjonijiet Industrijali hija wahda konciljatorja, dan it-Tribunal Industrijali jasal ghal konkluzjoni li l-unika aspett li kien qed jirregola r-recognition huwa l-provvediment tal-Klawsola 3 tal-Ftehim Kollettiv bit-titlu "Recognition and Scope", liema provvediment diga gie citat hawn fuq f'din id-Decizjoni.**

**It-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma li mill-istess klawsola 3 tal-Ftehim Kollettiv johrog car, li din ir-recognition kienet qed tinghata b'kundizzjoni li tghid "The Bank shall reserve the right to withdraw recognition of these categories of employees if the fully paid membership of the Union should fall 50% plus one of the number of employees in the above referred to categories registered in the books of the Bank".**

**It-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma li permezz ta' dan l-artiklu citat hawn fuq ifisser li l-Bank setgha jirtira r-recogniton jekk il-Union ma jkollix 50% plus one tal-haddiema mpjegati tal-Bank bhala membri registrati fuq il-kotba tal-BOV.**

**It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll li mill-provi jirrizulta, li l-Bank kien informa lill Union li kien qed jirrizultalu li hi ma kellix l-maggoranza assoluta tal-haddiema u nfurmahha wkoll biex tipprovdi evidenza li ghandha 50%+1 tal-haddiema. Il-Bank of Valletta nforma wkoll lill Union bid-data u l-hin sa meta kellha tipprovdi evidenza.**

**Ghaldaqstant, dan it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma li l-onus tal-provi kien fuq il-Union li tipprova li kellha l-maggoranza assoluta u fl'assenza li l-ligi ma kienitx tipprovdi mekkanizmu ta' kif tinghata jew tittiehed ir-recognition din kellha ssir skond klawsola 3 "Recognition and Scope" tal-Fehim Kollettiv.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsdira s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet, isib u jasal ghal konkluzjoni, li peress il-Bank kien qed jirrizultalu li fuq il-kotba tieghu l-Union ma kellix il-maggoranza assoluta tal-haddiema skond klawsola 3 tal-Ftehim Kollettiv u l-Union ma ippruvatx lill Bank li hija kienet ghadha qed tgawdi l-maggoranza tal-haddiema skond kif hemm stipulat fi klawsola 3 "Recognition and Scope" tal-Ftehim Kollettiv li tghid "The Bank shall reserve the right to withdraw recognition of**

**these categories of employees if the fully paid membership of the Union should fall below 50% plus one of the number of employees in the above referred to categories registered in the books of the bank" il-Bank of Valletta kellu dritt li jirrevoka r-recognition lill MUBE.**

**B'hekk tintemm din it-Tilwima tax-Xoghol.**

| | | |
|---|---|---|
| **ft/Harold Walls** | **ft/Chris Attard** | **ft/Lawrence Mizzi** |
| **Chairperson** | **Membru** | **Membru** |

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**

**A/Segretarja**

**Illum : 18 ta' Frar, 2020**